32004D0224

L 68/27 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* 6.3.2004

# ID-DEĊIZJONI TAL-KUMMISSJONI
## tal-20 ta' Frar 2004
## li tagħmel arranġamenti għas-sottomissjoni ta' informazzjoni fuq pjani jew programmi rikjesti taħt id-Direttiva tal-Kunsill 96/62/KE in-relazzjoni ma' limiti għal ċerti pollutants fl-arja

*(innotifikata taħt id-dokument numru K (92004) 491)*

**(Test b' relevanza ŻEE)**

(2004/224/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 96/62/KE tas-27 ta' Settembru 1996 fuq l-evalwazzjoni u l-immaniġġar tal-kwalità ta' l-arja [1], u b' mod partikolari Artikolu 12 (10 tiegħu,

Billi:

(1) Skond Artikolu 8(3) tad-Direttiva 96/62/KE, pjani u programmi biex jintlaħqu l-limiti stabbiliti mid-Direttiva tal-Kunsill 1999/30/KE tat-22 ta' April 1999 rigward il-limiti għal *sulphur dioxide*, *nitrogen oxide* u *oxides of nitrogen*, *particulate matter* u ċomb fl-arja [2] u bid-Direttiva 2000/69/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2000 rigward limiti għall-benżina u l-*carbon monoxide* fl-arja [3] għandhom jiġu preparati fl-Istati Membri għal dawk iż-żoni u agglomerazzjonijiet fejn il-limiti flimkien mal-marġini tat-tolleranza jiġu maqbuża. Dawk il-pjani u programmi għandhom jinkludu mill-anqas l-informazzjoni elenkata fl-Anness V għad-Direttiva 96/62/KE. Il-Kummissjoni għandha tiċċekkja regolarment l-implimentazzjoni ta' dawk il-programmi.

(2) Artikolu 11 tad-Direttiva 96/62/KE jeħtieġ li Stati Membri jissottomettu l-pjani u l-programmi tagħhom lill-Kummissjoni kull sena.

(3) Waqt li l-pjani u l-programmi jkunu qegħdin jiġu abbozzati skond ir-rekwiżiti amministrattivi speċifiċi f'kull Stat Membru, l-informazzjoni sottomessa lill-Kummissjoni għandha tkun armonizzata u strutturata skond l-arranġamenti dettaljati preskritti fil-preżenti Deċiżjoni.

(4) Il-miżuri maħsuba f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat stabbiliti b'Artikolu 12 tad-Direttiva 96/62/KE;

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Meta jissottomettu l-informazzjoni dwar il-pjani u programmi msemmija f'Artikolu 8(3) tad-Direttiva 96/62/KE, kif meħtieġ mill-Artikolu 11(1)(a)(iii) tagħha, in-rigward il-limiti stabbiliti bid-Direttivi 1999/30/KE u 2000/69/KE, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw dik l-informazzjoni skond l-istruttura stabbilita fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Il-pjani u l-programmi sħah għandhom ikunu disponibbli għall-Kummissjoni meta titlobhom.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel fl-20 ta' Frar 2004.

*Għall-Kummissjoni*

Margot WALLSTRÖM

*Membru tal-Kummissjoni*

---

[1] ĠU L 296, tal-21.11.1996, p.55. Id-Direttiva kif emendata bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, tal-31.10.2003, p. 1).

[2] ĠU L 163, tad-29.6.1999, p. 41. Id-Direttiva kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/744/KE (ĠU L 278,tat-23.10.2001, p. 35).

[3] ĠU L 313, tat-13.12.2000, p. 12.

*ANNESS*

**INTRODUZZJONI**

Ir-rapport lill-Kummissjoni għandu jingħata f'seba' forom kif speċifikat hawn isfel. Għal kull pjan jew programm sett shih ta' forom għandu jimtela. Il-forma nru 1 tikkontjeni l-informazzjoni ġenerali fuq il-pjan jew programm ikkonċernat. Fil-forom 2 sa 6, kull kolonna tiddeskrivi sitwazzjoni ta' eċċessivita indirizzata mill-pjan jew programm. Sitwazzjoni ta' eċċessivita hija definita b'żona ta' eċċessivita u l-limitu (LV) b'zieda mal-marġini ta' tolleranza (LV + MOT) li ġiet maqbuża f'dik iż-żona. Żona ta' eċċessivita hija lokalita' jew kollezzjoni ta' lokalitajiet fejn il-livelli nstabu li jeċċedu LV + MOT fis-sena ta' referenza. Is-sena ta' referenza hija s-sena li fiha l-eċċess ikun sar, skond Artikolu 8 tad-Direttiva 96/62/KE, li jobbliga (lill-Istat li jkun) biex jipprepara jew jimplimenta l-PP. Kull ringiela fil-forom 2 sa 6 fiha element deskrittiv għas-sitwazzjoni ta' eċċessivita.

Żona ta' eċċessivita tista' tkun komposta minn diversi lokalitajiet fejn eccessivita tal-LV + MOT nstabet fis-sena ta' riferenza, sakemm ċerti elementi deskrittivi ta' dawn il-lokalitajiet huma komparabbli jew identiċi. Dawn l-elementi deskrittivi huma indikati fil-forom 2 sa 6 b' kodiċi amalgamanti li hi speċifikata fil-kaxxa 1. Għall-elementi deskrittivi li huma permessi li jkunu differenti għal-lokalitajiet, jinghataw kodici oħra fil-kaxxa 1; b'dawn il-kodiċi jispeċifikaw kif l-elementi differenti huma integrati.

Deskrizzjonijiet sommarji ta' miżuri individwali jingħataw fil-forma 7.

KAXXA 1

**Speċifikazzjoni ta' kif lokalitajiet fejn il-livelli nstabu li jeċċedu livell ta' LV + MOT jistgħu jiġu mgħaqqda f'sitwazzjoni waħda ta' eċċessivita: kodiċi amalgamanti, li huma mogħtija għal kull entratura fil-forom ta' hawn taħt**

| Kodiċi amalgamanti | Tifsira tal-kodiċi amalgamanti |
|---|---|
| M.A. | M'hix applikabbli |
| S | Din l-entrata għandha tkun deskrizzjoni unika (mhix lista, medda, jew totali),li tapplika għal-lokalitajiet kollha amalgamanti |
| L | Jekk amalgamati, l-entrata għandha tkun lista (1)ta' l-entrati kollha tal-lokalitajiet |
| LS | Jekk amalgamati, l-entrata għandha tkun lista (1) ta' l-entrati kollha tal-lokalitajiet jew deskrizzjoni unika |
| R | Jekk amalgamata, l-entrata għandha tkun il-medda ta' l-entrati, tal-lokalitajiet differenti: il-valur minimu u l-valur massimu |
| T | Jekk amalgamati, l-entrata għandha tkun l-għadd tat-total ta' l-entrati kollha tal-lokalitajiet |

(1) Il-listi kollha għandhom ikollhom l-istess sekwenza tal-lokalitajiet. Entrati għal lokalitajiet separati għanhom ikunu separati bi slaxx doppja.

FORMA 1

**Informazzjoni Ġenerali fuq il-pjan jew il-programm**

| | |
|---|---|
| a. Sena ta' referenza | M.A. |
| b. Stat Membru | M.A. |
| c. Referenza għall-pjan jew program | M.A. |
| d. Lista tan-numri tal-kodiċi tas-sitwazzjonijiet ta' eċċessivita deskritti fil-forom 2 sa 6 | M.A. |
| e. L-isem ta' l-awtorità responsabbli għall-abbozzar tal-pjan jew program li jindirizza s-sitwazzjoni ta'l-eċċessivita | M.A. |
| f. L-indirizz postali ta' l-awtorità responsabbli | M.A. |
| g. L-isem tal-persuna ta "kuntatt" | M.A. |
| h. L-indirizz postali tal-persuna ta "kuntatt" | M.A. |

| | |
|---|---|
| i. In-numru tat-telefon tal-persuna ta "kuntatt" | M.A. |
| j. In-numru tal-fax tal-persuna ta "kuntatt" | M.A. |
| k. Indirizz e-mail tal-persuna ta "kuntatt" | M.A. |
| 1. Kummenti għal kjarifikazzjoni jekk meħtieġa | M.A. |

*Noti għal Forma 1:*

1. *Sub b:* L-Istati Membri għandhom jiġu indikati billi tintuża l-kodiċi segwenti: l-Awstrija: AT; il-Belġju: BE; Id-Danimarka: DK;Il-Fillandja: Fl; Franza: FR; Il-Germanja: DE; Il-Greċja: EL; L-Irlanda: IE; L-Italja: IT; Il-Lussumburgu: LU; L-Olanda: NL; Il-Portugall: PT; Spanja: ES; L-Isvezja: SE; Ir-Renju Unit: UK.
2. *Sub c:* Ir-reference għall-pjan jew programm għandha tkun referenza kompleta u dettaljata għad-dokument(i) li fiha l-pjan jew programm hu deskritt b' mod sħiħ. Addizzjonalment jista' jingħata indirizz ta' *web*.
3. *Sub g:* Il-persuna ta "kuntatt hi l-persuna li l-Kummissjoni għandha tavviċina jekk tehtieġ aktar informazzjoni dwar xi aspett ta' din il-folja ta' rappurtaġġ."

FORMA 2

**Deskrizzjoni ta' l-eċċessivita tal-limitu**

| | |
|---|---|
| a. Numru tal-kodiċi tas-sitwazzjoni ta' eċċessivita | M.A. |
| b. Pollutant | S |
| ċ. Kodiċi taż-żona | L |
| d. Isem tal-belt(bliet) muniċipalità(-itajiet) | L |
| e. timtela biss jekk il-*pollutant* hu $SO_2$, $NO_2$ jew $PM_{10}$: il-limitu li għalih LV+MOT ma nqabiżx (h/d/a) | S |
| f. Livell ta' konċentrazzjoni fis-sena ta' referenza: | |
| — Konċentrazzjoni f'µg/m$^3$ jekk tapplika,<br>jew | R |
| — Massimu 8-sigħat imkejla ta' konċentrazzjoni CO f'mg/m$^3$ jekk applikabbli,<br>jew | R |
| — In-numru totali ta' eċċessivita espressa b'relazzjoni ma' l LV+MOT jekk applikabbli | R |
| g. Timtela biss jekk l-LV hu espress bħala numru ta' eċċessivita ta' konċentrazzjoni numerika: n-numru totali ta' eċċessivita fis-sena ta' referenza espress b'relazzjoni ma' l-LV | R |
| h. Livell ta' konċentrazzjoni fis-sena ta' referenza espressa b'relazzjoni għall-LV tas-saħħa relatat mal-*pollutant* ikkonċernat, jekk tali LV jeżisti: | |
| — Konċentrazzjoni f'µg/m$^3$ jekk applikabbli,<br>jew | R |
| — In-numru totali ta' eċċessivita espresso b'relazzjoni ma' l-LV jekk applikabbli | R |
| i. Konċentrazzjonjiet osservati fis-snin ta' qabel jekk disponibbli u li ma kinux diġa' ntbagħtu lill-Kummissjoni | |
| — Sena u konċentrazzjoni f'g/m$^3$ jekk applikabbli,<br>jew | L |
| — Sena u massimu 8-sigħat nieqsa ta' konċentrazzjoni CO f'mg/m$^3$ jekk applikabbli,<br>jew | L |
| — Sena u n-numru totali ta' eċċessi espressi b'relazzjoni għall-LV + MOT jekk applikabbli | L |
| j. Jekk l-eċċessivita nstabet permezz ta' kejl: | |
| — Il-kodiċi ta' l-istazzjon fejn l-eċċess kien osservat | L |
| — Il-koordinati geografiċi ta' l-istazzjon | L |
| — Il-klassifika ta' l-istazzjon | S |

| | |
|---|---|
| k. Jekk l-eċċessivita nstabet permezz ta' kalkolazzjoni mudell: | |
| — Indikazzjoni tal-lokalità taż-żona ta' l-eċċess | LS |
| — Klassifikar taż-żona | S |
| 1. Stima ta' l-arja tal-wiċċ ($km^2$) fejn il-livell kien ogħla mill-LV fis-sena ta'referenza | T |
| m. Stima tat-tul tat-triq (km) fejn il-livell kien ogħla mill-LV fis-sena ta'referenza | T |
| n. Stima tat-total tal-popolazzjoni esposta għal-livell ogħla mill-LV fis-sena ta'referenza | T |
| o. Kumment għal kjarifika jekk meħtieġa | M.A. |

*Noti għal Forma 2:*

1. *Sub a:* Kull situazzjoni ta' eċċessivita għandha tingħata numru kodifikat li hu uniku fl-Istat Membru.
2. *Sub b:* Il-*pollutant* għandu jiġi indikat minn "$SO_2$" $NO_2$', "$PM_{10}$", Pb' għaċ-ċomb, "$C_6H_6$' għall-benżina u" CO.
3. *Sub c:* Il-kodiċi taż-żona għandha tkun identika għal dik sottomessa fil-kwestjonarju annwali 2001/839/KE tas-sena ta' referenza.
4. *Sub D:* Jekk iż-żona ta' eċċess testendi aktar minn belt waħda jew munċipalità, l-bliet kollha u l-muniċipalitajiet fejn l-eċċess seħħ għandhom jissemmew, waqt li jkunu separati minn punto-virgola.
5. *Sub e:* Il-limitu li għalih l-LV + MOT kien maqbuż għandu jiġi identifikat bħala 'h' (ibbażat fuq kejl kull siegħa),'d' (kejl kuljum) jew 'a' (kejl annwali).
6. *Sub f u h:* Jekk l-eċċess instab permezz ta' mudellar, l-aktar livell ogħli fl-arja fejn sar l-eċċess għandu jingħata f'din il-forma u fil-forom sussegwenti.
7. *Sub i:* L-informazzjoni għandha tingħata fil-forma 'sena: konċentrazzjoni'. Entrati għal diversi snin għandhom ikunu separati b' punto virgola. In-nuqqas ta' *data* għandu jiġi indikat b' 'm.a., komunikazzjoni minn qabel b' 'com'.
8. *Sub j:* "Il-kodiċi ta' l-istazzjoni fejn l-eċċess ġie osservat' għandha tkun il-kodiċi li kienet użata fil-kwestjonarju annwali tas-sena ta' referenza (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/839/KE)."
9. *Sub j:* Għall-"koordinati geografiċi ta' l-istazzjon' u 'klassifika ta' l-istazzjon', l-ispeċifikazzjonijiet li huma diġa' fl-użu għall-bdil ta' *data* taħt id-Deċiżjon 97/101/KE dwar il-bdil ta' informazzjoni għandhom jintużaw."
10. *Sub k:* Il-kodiċi għall-'klassifika ta' l-istazzjon' għandhom jintużaw ukoll għall-'klassifika taż-żona', Jekk iż-żona ta' eċċessivita mis-juba permezz ta' mudellar tinkludi aktar minn klassi waħda, għandhom jingħataw il-kodiċi tal-klassi, separati bil-punto virgola.
11. *Sub l u m:* L-'arja tal-wiċċ ($km^2$) 'l fuq mill-LV' tindika d-daqs ta'l-arja ta' l-eċċess taż-żona konċernata.Tista' tithalla vojta għall-istazzjonijiet tat-traffiku jew żoni ta' traffiku. It-"tul tat-triq (km) fejn il-livell kien ogħla mill-LV' għandu jingħata biss għal eċċessivita fi stazzjonijiet tat-traffiku jew, fil-każ ta' mudellar, żoni ta' traffiku. Tindika t-tul totali tas-sezzjonijiet tat-triq fejn l-eċċess ikun sar fuq naħa waħda jew fuq iż-żewġ naħat."
12. *Sub n:* "Esponiment tal-Popolazzjoni 'l fuq mill-LV' tindika stima ta' l-avarija tan-numru tan-nies preżenti waqt l-eċċessivita tal-limitu."

FORMA 3

**Analizi tal-kawżi ta' l-eċċessivita tal-limitu fis-sena ta' referenza**

| | |
|---|---|
| a. In-numru tal-kodiċi tas-sitwazzjoni ta' eċċessivita | M.A. |
| b. Stima tal-livell tal-*background* (sfond)reġjonali | |
| — Konċentrazzjoni annwali mkejla f' $\mu g/m^3$ jekk applikabbli, jew | R |
| — Massimu ta' konċentrazzjoni ta'CO imkejla fi 8-sigħat f'mg/ms jekk applikabbli, jew | R |
| — In-numru totali ta' eċċessi espressi b'relazzoni ma' l-LV jekk applikabbli, | R |
| ċ. Stima tal-livell totali tal- *background* | |
| — Konċentrazzjoni annwalia mkejla f'$\mu g/m^3$ jekk applikabbli, jew | R |
| — Massimu ta' konċentrazzjoni ta' CO imkejla fi 8-sigħat f'mg/ms jekk applikabbli, jew | R |
| — In-numru totali ta' eċċessi espressi in relazzoni ma' l-LV jekk applikabbli, | R |
| d. Indikazzjoni tal-kontribuzzjoni ta' sorsi lokali għall-eċċessivita tal-limitu: | |
| — Traffiku | S |
| — L-industrija inkluża l-produzzjoni tas-sħana u l-enerġija | S |

| | |
|---|---|
| — L-agrikoltura | S |
| — Sorsi Kummerċjali u residenzali | S |
| — Sorsi naturali | S |
| — Oħrajn | S |
| e. Referenza għall-inventarju ta' emissjonijiet użati fil-kors ta' l-analizi | MA. |
| f. Jekk eċċezzjonali: indikazzjoni tal-klimatoloġija lokali | S |
| g. Jekk eċċezzjonali: indikazzjoni tat-topografija | S |
| h. Kummenti għal kjarifika jekk meħtieġa | M.A. |

*Noti għal Forma 3:*

1. *Sub b u ċ:* Il-livell tal-*background* hu l-konċentrazzjoni ta' *pollutants* fuq skala akbar miż-żona ta' eċċessivita. Il-livell tal-*background* reġjonali hu l-livell li hu stmat li jokkorri fl-assenza ta' sorsi f'distanza ta' 30 km. Għal lokalitajiet f'belt, dan ikun il-livell tal-*background* fin-nuqqas tal-belt. Għall-eċċess ikkaġunat minn tniġġis ta' l-arja minn trasport fit-tul, il-*background* reġjonali jista' jkun ugwali għall-eċċess irrapportat fil-forma 2. Il-*background* totali hu livell li hu stmat li jokkorri fl-assenza ta' sorsi (bi ċmieni għoljin f'madwar 5 km u sorsi baxxi f'bejn wieħed u ieħor 0,3 km din id-distanza tista' tkun iżgħar, p.e. għal tiswin residenzali, jew akbar, p.e. fabbriki ta' l-azzar). Il-livell tal-*background* totali jinkludi l-livell tal-*background* reġjonali. F'belt, il-*background* totali hu l-*background* urban, i.e. il-livell li jokkorri fl-assenza ta' sorsi sinfikanti fil-viċinanza immedjata. F'żona rurali, l-livell totali ta' *background* hu kważi daqs il-livell tal-*background* reġjonali.
   2. *Sub d:* Il-kontribuzzjonijiet tas-sorsi lokali għandhom jiġu espressi bħala numru segwenzali, billi jintuża n-numru "1' għall-akbar kontributur", 2' għat-tieni l-akbar wieħed eċċ. Sorsi li ma jikkontribwux sinifikattivament għandhom jiġu indikati b' "-".
3. *Sub d:* Jekk il-kontribuzzjoni ta' sorsi 'ohra' kienet indikata bħala sinifikanti, it-tip(i) tas-sorsi għandha tkun ikkjarifikata fl-entrata 'Kummenti għal kjarifika'.
4. *Sub f:* Klimatoloġija lokali eċċezzjonali għandha tiġi indikata b' +.
5. *Sub g:* Topografija lokali eċċezzjonali għandha tiġi indikata b' +'.

FORMA 4

**Livell ta "bażi"**

| | |
|---|---|
| a. Numru tal-kodiċi tas-sitwazzjoni ta' eċċessivita | M.A. |
| b. Deskrizzjoni qasira tax-xenarju ta' l-emissjoni użat għal analizi bażika: | |
| — Sorsi li kontribwew għal-livell tal-*background* reġjonali | S |
| — Sorsi reġjonali li jikkontribwixxu għal-livell totali tal-*background* iżda li ma jikkontribwux għal-livell reġjonali | S |
| — Sorsi lokali sakemm ikunu relevanti | S |
| c. Livelli mistennija fl-ewwel sena li fiha l-limitu għandu jintlaħaq: | |
| — Il-livell reġjonali bażiku tal-*background*: | |
| Konċentrazzjoni annwali mkejla f'µg/m$^3$ jekk applikabbli,<br>jew | R |
| Massimu ta' koncentrazzjoni ta' CO mkejla kull 8 siegħat f'mg/m$^3$, jekk applikabbli,<br>jew | R |
| Numru totali ta' eċċessivita espressa b'relazzjoni għall-LV jekk applikabbli, | R |
| — Il-livell totali tal-*background* bażiku: | |
| Konċentrazzjoni annwali mkejla f'µg/m$^3$ jekk applikabbli,<br>jew | R |
| Massimu ta' koncentrazzjoni ta' CO mkejla kull 8 siegħat f'mg/m$^3$ jekk applikabbli,<br>jew | R |
| Numru totali ta' eċċessi b'relazzjoni ma' l-LV jekk applikabbli, | R |

| | |
|---|---|
| — Il-livell bażilari fil-lokalita ta' eċċessivita: | |
| Il-konċentrazzjoni annwali mkejla f'μg/m³ jekk applikabbli,<br>jew | R |
| Massimu ta' koncentrazzjoni ta' CO mkejla kull 8 sigħat mg/m³ jekk applikabbli,<br>jew | R |
| Numru totali ta' eċċessi espress b'relazzjoni għal-LV jekk applikabbli, | R |
| d. Hemm ħtieġa ta' miżuri "l hinn minn dawk li jiriżultaw mil-leġislazzjoni ezistenti biex jiġi żgurat li l-limitu jintlaħaq sad-data stabbilita? (y/n)" | S |
| e. Kummenti għal kjarifika jekk meħtieġa | M.A. |

*Noti għal Forma 4:*

1. Il-Forma 4 għandha timtela għal-limitu/i li l-LV + MOT jinqabeż.
2. Il-livell bażiku hu l-konċentrazzjoni mistennija fis-sena meta l-limitu jidħol fis-sehħ minħajr ebda miżuri "l hinn minn dawk diġa' miftehma jew sottointesa mil-leġislazzjoni eżistenti."

FORMA 5

**Dettalji ta' miżuri "l hinn minn dawk diġa' meħtieġa mil-leġislazzjoni eżistenti"**

| | |
|---|---|
| a. Numru tal-kodiċi tas-sitwazzjoni ta "l-eċċessivita" | M.A. |
| b. Kodiċi(ijiet) tal-miżura(i) | S |
| c. Programm ippjanat ta' l-implimentazzjoni | L |
| d. Indikatur(i) għall-moniteraġġ tal-progress | S |
| e. Fondi allokati (snin; ammont f'EUR) | T |
| f. Stima ta' l-ispejjeż totali (ammont f'EUR) | T |
| g. Stima tal-livell fis-snin meta l-livell għandu jintlaħaq, filwaqt li l-miżuri addizzjonali jittieħdu in-konsiderazzjoni. | R |
| h. Kummenti għal kjarifika jekk meħtieġa | M.A. |

*Noti għal Forma 5:*

1. Il-Forma 5 għandha tiġi mimlija biss jekk l-analizi rikjesta minn Forma 4 turi illi ma kienx mistenni li dak il-limitu jintlaħaq b'miżuri diga'rikjesti mil-leġislazzjoni ezistenti.
2. *Sub b:* Kull miżura trid tiġi indikata b' kodiċi, li tirreferi għal miżura deskritta fil-Forma 7.
3. *Sub c:* Kliem ewlenin dwar il-diversi passi ta' implimentazzjoni għandhom ikunu segwiti minn data jew perjodu fil-forma "mm/yy'. Entraturi għandhom ikunu separati minn punto virgola."
4. *Sub e u f:* Il-fondi allokati jirreferu għal fondi pubbliċi biss; l-ispejjeż totali stmati jinkludu wkoll l-ispejjeż koperti mis-settur(i) affettwati.

FORMA 6

**Miżuri possibbli li s'issa għadhom ma ttieħdux u miżuri fit-tul (b'għazla)**

| | |
|---|---|
| a. Numru tal-kodiċi tas-sitwazzjoni ta "eċċessivita" | M.A. |
| b. Kodiċ(ijiet) tal-miżura(i) possibbli li s' issa għadhom ma ttieħdux | LS |
| ċ. Għal miżuri li għadhom ma ttieħdux: | |
| Livell amministrattiv li fih il-miżuri jistgħu jittieħdu | LS |
| Raġuni għaliex il-miżura ma ttieħditx | LS |

| | |
|---|---|
| d. Kodiċi(ijiet) għal miżuri fit-tul | LS |
| e. Kummenti għal kjarifika jekk meħtieġa | M.A. |

*Noti għal Forma 6:*

1. *Sub b u d:* Kull miżura għandha tiġi indikata b' kodiċi, li tirreferi għal miżura deskritta fil-Forma 7. Jekk aktar minn miżura waħda hija indikata, l-kodiċi għandhom ikunu separati minn punto virgola.
2. *Sub ċ:* Il-kodiċi segwenti għandhom jintużaw biex jikkaratterizzaw il-livell amministrattiv li fih il-miżuri setgħu ttieħdu: A: lokali; B: reġjonali; Ċ: nazzjonali; D: Unjoni Ewropea; E: internazzjonali "l hinn mill-Unjoni Ewropea. Jekk aktar minn livell wieħed hu meħtieġ, il-kodiċi għandhom jiġu separati permezz ta" punto virgola.

FORMA 7

**Sommarju ta' Miżuri**

| | |
|---|---|
| a. Kodiċi tal-miżura | MA. |
| b. Titolu | MA. |
| c. Deskrizzjoni | MA. |
| d. Livell amministrattiv li fih il miżura setgħet ittieħdet | LS |
| e. Tip ta' miżura | M.A. |
| f. Il-miżura hija regolatorja? (y/n) | M.A. |
| g. Programm ta' reduzzjoni | M.A. |
| h. Settur(i) ta' sorsi affettwati | M.A. |
| i. Skala spazjali ta' sorsi affettwati | M.A. |
| j. Kummenti għal kjarifika jekk meħtieġa | M.A. |

*Noti għal Forma 7*:

1. Il-Forma 7 għandha tintuża biex tiddeskrivi l-miżuri msemmija fil-Forom 5 sa 6. Kolonna waħda ta' Forma 7 trid timtela għal kull miżura.
2. *Sub a:* Kull miżura għandha tingħata kodiċi unika.
3. *Sub ċ:* Id-deskrizzjoni tal-miżura hi test libera tipika ta' bejn 100 sa 200 kelma.
4. *Sub d:* Il-kodiċi li ġejjin għandhom jintużaw biex jikkaratterizzaw il-livell amministrattiv li fih il-miżura setgħet ittieħdet:: A: lokali; B: reġjonali; C: nazzjonali.
5. *Sub e:* Il-kodiċi li ġejjin għandhom jintużaw sabiex jikkaratterizzaw it-tip ta' miżura: A: ekonomika/fiskali; B: teknika; C: edukattiva/informattiva; D: ohrajn.
6. *Sub g:* Il-kodiċi li ġejjin għandhom jintużaw sabiex jikkaratterizzaw il-programm tar-riduzzjoni tal-konċentrazzjoni miksuba mill-miżura: A: terminu qasir; B:terminu medju (ċirka sena); C: terminu fit-tul.
7. *Sub h:* Il-kodiċi segwenti għandhom jintużaw biex jikkaratterizzaw is-settur tas-sorsi affettwati mill-miżura: A: trasport; B: l-industrija inkluża l-produzzjoni ta' l-enerġija u s-shana; C: l-agrikoltura; D: sorsi kummerċjali u residenzali; E: oħrajn.
8. *Sub e u h:* Jekk tintuża l-kodiċi għal 'oħrajn', din għandha tkun kjarifikata fl-entrata 'Kummenti għal kjarifika'.
9. *Sub i:* Is-segwenti kodiċi għandhom jintużaw biex jikkaratterizzaw l-iskala spazjali tas-sorsi affettwati mill-miżura:
10. *Sub d-i:* Jekk tapplika aktar minn kodiċi waħda, għandhom jiġu separati permezz ta "punto virgola."